



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2014/2085(DEC)

6.2.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima IX - Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (2014/2085(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Guillaume

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jikkonstata b'sodisfazzjon li l-awditu ta' segwitu li sar f'Ġunju 2013 mis-servizz ta' awditjar intern tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ppermetta li tingħalaq l-parti l-kbira tal-azzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet issuġġeriti fil-qasam tal-proċeduri amministrattivi u li jasal għall-konklużjoni li ma kienx hemm rakkomandazzjonijiet partikolari xi jsiru fil-31 ta' Diċembru 2013;
2. Jikkonstata l-fatt li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni dwar is-sikurizzazzjoni tad-data inkluża fl-ilmenti kienet għadha mhix lesta meta sar l-awditu ta' segwitu f'Ġunju 2013 minħabba dewmien fl-istabbiliment tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet (Case Management System - CMS) u li hu probabbli li din ir-rakkomandazzjoni tiġi implimentata kompletament matul is-sena 2014, minħabba li s-CMS ilu operattiv minn Ottubru 2013;
3. Jikkonstata l-fatt li l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jqis li l-livell ta' ġestjoni u ta' kontroll stabbilit huwa adegwat u qed jitjieb, u li meta tfassal ir-rapport annwali ta' attività għas-sena 2013, ma nstab l-ebda żball sinifikanti u li m'hemm bżonn issir l-ebda riżerva rigward il-kontrolli *ex ante*;
4. Jifraħ bil-fatt li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data segwa l-osservazzjonijiet tal-Parlament Ewropew inklużi fil-kwittanza tiegħu għall-2010 u l-2012 biex jistabbilixxi l-istrateġija tiegħu għall-perjodu 2013-2014 u biex l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija tipproduċi riżultati pożittivi fl-attivitajiet tiegħu;
5. Iqis li, bħala regola ġenerali, ikun xieraq li tingħata aktar attenzjoni għall-istabbiliment ta' ġestjoni finanzjarja tajba bi qbil mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità, jiġifieri l-ekonomija u l-effikaċja li bihom il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jkun uża l-approprijazzjonijiet li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu biex iwettaq il-kompiti mogħtija lilu, kif ukoll il-prestazzjoni tiegħu f'dan l-użu.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.2.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 47 -: 6 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Martina Anderson, Heinz K. Becker, Bodil Ceballos, Caterina Chinnici, Ignazio Corrao, Rachida Dati, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Cornelia Ernst, Laura Ferrara, Monika Flašíková Beňová, Lorenzo Fontana, Mariya Gabriel, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Monika Hohlmeier, Brice Hortefeux, Filiz Hyusmenova, Sophia in 't Veld, Eva Joly, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Timothy Kirkhope, Barbara Kudrycka, Kashetu Kyenge, Marju Lauristin, Juan Fernando López Aguilar, Vicky Maeijer, Claude Moraes, József Nagy, Soraya Post, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Traian Ungureanu, Marie-Christine Vergiat, Harald Vilimsky, Cecilia Wikström, Kristina Winberg, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Hugues Bayet, Andrea Bocskor, Pál Csáky, Daniel Dalton, Dennis de Jong, Petra Kammerevert, Ska Keller, Andrejs Mamikins, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Jaromír Štětina, Kazimierz Michał Ujazdowski, Axel Voss
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Eugen Freund, Elisabetta Gardini, Charles Tannock